MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2249/2002

**Philip A. Tabone**
**vs**

**Peter Decoutros**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-18 ta' Settembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u seba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm607.20) rapprezentanti danni meta l-partijiet kienu nvoluti f'incident tat-traffiku liema ncident sehh fil-25 ta' Ottubru 2001 f'Tas-Sliema bejn il-vetturi TAB 111 u dik bin-numru BJD 751.**

**Illi l-konvenut accetta r-responsabbilta' ta' l-incident in kwistjoni u ghamel tajjeb ghad-danni rizultanti mill-istess incident ghall- eccezzjoni tal-ispejjez inkorsi mill-attur sabiex jikri karozza ghal perjodu meta l-karozza tieghu kienet qed tissewwa.**

**Illi l-ispejjez ghall-karozza tal-kiri jammontaw ghas-somma ta’ sitt mija u seba’ liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm607.20c).**

**Illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-imsemmija spejjez stante li huwa kien unikament responsabbli ghall-incident inkwistjoni.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dawk tal-ittri legali tat-12 ta’ Lulju, 2002, tat-22 ta’ Lulju, 2002, 14 ta’ Awissu, 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-1 ta’ Ottubru 2002 fejn intqal illi:**

**It-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-ammont li qed jigi pretiz mill-attur.**

**Semgha x-xhieda ta’ l-attur Philip Tabone u Charles Micallef u Peter Decoutros. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Sema’ lill-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. It-talba tirrigwarda danni ghal kiri ta’ karozza konsegwenza ta’ ncident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta’ Ottubru, 2001 li sehh f’Tas-Sliema li ghalih kien responsabbli l-konvenut.**
**2. L-ammont reklamat jirrizulta minn ricevuta fiskali Dokument A esebit.**
**3. L-attur kien kera l-karozza minghand Auto Rentals Company Limited ghal perjodu mis-27 ta’ Ottubru, 2001 sat-23 ta’ Jannar, 2002.**

**4. Jirrizulta illi l-attur precedentement kellu Landrover Discovery, minhabba n-natura tax-xoghol tieghu kellu bzonn karozza ta' certu kalibru in kwantu trid tkun karozza illi fiha ser jiehu nies li jigu minn barra.**

**5. Jirrizulta illi huwa dam bil-vettura tal-kiri minhabba illi l-spare parts damu ma waslu ghand Muscat Motors, ghalkemm hu kien isegwiha regolarment.**

**6. Fil-fatt jirrizulta illi l-attur kien kera karozza tal-marka KIA u b'dana nforma lill-assikurazzjoni tieghu.**

**7. Charles Micallef li jahdem ma' Mizzi Auto Services Limited jikkonferma l-perjodu li l-karozza ta' l-attur damet ghandhom ghat-tiswija. Skond l-istess xhud meta gew il-parts bdew isewwu fuqha u damu sittax-il jum isewwuha. Jirrizulta wkoll illi meta zarmaw il-floorboard tal-karozza sabu xi komplikazzjonijiet li s-surveyor ma kienx ikkonstata u ghalhekk huma kienu nformaw lis-surveyor b'dan.**

**8. Il-korrispondenza esebita turi illi l-vettura li kien kera l-attur kienet bil-prezz ta' sitt liri (Lm6.00) kull jum (Dok PD 3).**

**9. Skond il-konvenut il-kont tal-kiri ntbaghat lilu personalment.**

**10. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghal dak li gie ritenut mill-Qorti meta ntqal: "illi huwa principju assodat fil-qasam ta' l-assikurazzjoni li d-danneggjat ghandu jaghmel hiltu biex jimminimizza d-danni b'kriterju komunament maghruf bhala 'bonus pater familias'". Fil-fatt f'sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru, 1994 fil-kawza Mario Blackman vs Paul Formosa ( PA per JSP) il-Qorti ssottolineat il-principju li d-danneggjat, filwaqt li ghandu d-dritt li jassigura d-dritt li jigi rimborsat tad-danni kollha li sofra u li jerga' jitqieghed, kemm hu possibli, fl-istat li kien qabel l-incident, fl-istess waqt ghandu l-obbligu li jillimita kemm jista' jkun id-danni li ghalihom huwa responsabbli min ikkagunalu l-hsarat ( Andrew Sullivan vs Charles Grixti et per Magistrat Michael Mallia deciza fid-9 ta' Novembru, 1998).**

**11. Tenut kont ta' dan il-principju u tar-rezultanzi tal-kaz it-Tribunal hu sodisfatt illi l-attur agixxa b'mod**

**korrett, ma nkorriex spejjez barra minn lokhom, ghamel hiltu kollha biex il-vettura tieghu tissewwa kemm jista' jkun malajr, ma kien hemm ebda nuqqas da parti ta' l-attur f'dan ir-rigward u konsegwentement huwa biss gust li l-konvenut jirrimborsa lill-attur id-danni subiti salv kull dritt tal-konvenut fil-konfront ta' terzi jekk ikun il-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u seba' liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm607.20). Bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Settembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittri legali tat-12 ta' Lulju, 2002, tat-22 ta' Lulju, 2002, 14 ta' Awissu, 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------